SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

17 ta’ Marzu 2016*

“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Politika tas-saħħa — Ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur — Projbizzjoni ta’ importazzjoni fl-Unjoni ta’ għasafar selvaġġi maqbuda — Regolament (KE) Nru 318/2007 u Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 139/2013 — Ksur suffiċjentement serju tar-regoli tad-dritt li jagħtu drittijiet liċ-ċittadini — Nuqqas ta’ rikonoxximent manifest u gravi tal-limiti tas-setgħa diskrezzjonali — Proporzjonalità — Dmir ta’ diliġenza — Artikoli 15 sa 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali”

Fil-Kawża T-817/14,

**Zoofachhandel Züpke GmbH**, stabbilita f’Wesel (il-Ġermanja),

**Zoohaus Bürstadt, Helmut Ofenloch GmbH & Co. KG**, stabbilita f’Bürstadt (il-Ġermanja),

**Zoofachgeschäft – Vogelgroßhandel Import-Export Heinz Marche**, stabbilita f’Heinsberg (il-Ġermanja),

**Rita Bürgel**, residenti f’Uthleben (il-Ġermanja),

**Norbert Kass**, residenti f’Altenbeken (il-Ġermanja),

irrappreżentati minn C. Correll, avukat,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn B. Eggers u H. Kranenborg, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett rikors għad-danni intiż għall-ksib ta’ kumpens għad-dannu li r-rikorrenti sostnew, sa mill-1 ta’ Jannar 2010, minħabba l-adozzjoni ta’ projbizzjoni fl-Unjoni Ewropea ta’ għasafar selvaġġi maqbuda li tinsab, fl-ewwel lok, fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 318/2007, tat-23 ta’ Marzu 2007, li tistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta’ ċerti għasafar fil-Komunità u l-kondizzjonijiet ta’ kwarantina tagħhom (ĠU L 84, p. 7), u, fit-tieni lok, fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2013, tas-7 ta’ Jannar 2013, li tistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta’ ċerti għasafar fl-Unjoni u l-kondizzjonijiet ta’ kwarantina tagħhom (ĠU L 47, p. 1),

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla),

komposta minn D. Gratsias, President, M. Kancheva (Relatur) u C. Wetter, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

**Il-fatti li wasslu għall-kawża**

*Preżentazzjoni tar-rikorrenti*

1 Ir-rikorrenti, Zoofachhandel Züpke GmbH, Zoohaus Bürstadt, Helmut Ofenloch GmbH & Co. KG, Zoofachgeschäft – Vogelgroßhandel Import-Export Heinz Marche, Rita Bürgel u Norbert Kass, huma kummerċjanti tal-annimali stabbiliti jew li jgħixu fil-Ġermanja, li jeżerċitaw jew kienu jeżerċitaw senjatament attività ta' importazzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' għasafar selvaġġi maqbuda fis-selvaġġ u intiżi għal finijiet ornamentali f'gaġeġ tal-għasafar, bħalma huma l-pappagalli.

*Fuq id-Direttivi 91/496/KEE u 92/65/KEE*

2 Fil-15 ta' Lulju 1991, il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej adotta, fuq il-bażi tal-Artikolu 37 KE li jirregola l-politika agrikola komuni, id-Direttiva 91/496/KEE, li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 12, p. 58). L-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 91/496 jirreferi għall-Anness B tagħha għal dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ġenerali li għandhom jiġu osservati miċ-ċentri ta' kwarantina.

3 Fit-13 ta' Lulju 1992, il-Kunsill adotta d-Direttiva 92/65/KEE, li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A (1) ta' Direttiva 90/425/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 13, p. 154). Id-Direttiva 92/65 tistabbilixxi r-rekwiżiti partikolari li għandhom jiġu ssodisfatti mill-pajjiż u mill-operatur ta' oriġini, tistabbilixxi r-regoli dwar iċ-ċertifikati dwar l-ispezzjonijiet sanitarji li għandu jkollhom l-annimali importati u tiddetermina liema eżamijiet għandhom ikunu suġġetti għalihom l-annimali. L-Artikolu 17(2) u (3) tad-Direttiva 92/65 jipprevedi, b'mod partikolari, essenzjalment, li huma biss l-annimali ġejjin minn pajjiż terz inkluż f'lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet ta' pajjiżi terzi li jipprovdu garanziji ekwivalenti għar-rekwiżiti applikabbli għall-kummerċ fi ħdan l-Unjoni li jistgħu jiġu importati fl-Unjoni, u li jistgħu jiġu stabbiliti kundizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa, partikolarment dawk intiżi sabiex jipproteġu l-Unjoni minn ċertu mard eżotiku.

*Fuq l-Opinjoni tal-EFSA tal-2005*

4 Fl-14 u fil-15 ta' Settembru 2005, wara talba magħmula mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fl-2004, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) tat opinjoni xjentifika dwar l-aspetti tas-saħħa u tal-benesseri tal-annimali fir-rigward tal-influwenza tat-tjur [*The EFSA Journal* (2005) 266,

p. 1 sa 21] (iktar 'il quddiem l-"Opinjoni tal-EFSA tal-2005"). Fid-dawl tal-mandat li kien ingħatalha, f'din l-opinjoni l-EFSA ħadet pożizzjoni biss fir-rigward tar-riskju ta' infezzjoni għat-tjur tar-razzett tal-Unjoni mill-influwenza tat-tjur, jew l-avian flu.

5 Fl-introduzzjoni tal-opinjoni tagħha tal-2005, l-EFSA fakkret li l-influwenza tat-tjur kienet tidher f'żewġ forom kliniċi distinti fit-tjur tar-razzett, l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (iktar 'il quddiem l-"ITPGħ") u l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa (iktar 'il quddiem l-"ITPB"). L-ITPGħ hija kkawżata minn virus tas-sottotipi H5 u H7, li jimmanifestaw ċerti karatteristiċi molekulari li jistgħu jikkawżaw infezzjoni sistematika, li ma jinsabux fil-każ tal-ITPB. Il-virus H5N1 huwa wieħed minn dawn is-sottotipi ta' virus li jikkawżaw l-ITPGħ.

6 L-EFSA indikat ukoll, ftit ta' żmien qabel l-adozzjoni tal-opinjoni tagħha u b'reazzjoni għal sitwazzjoni endemika inabitwali tal-virus H5N1 fit-tjur tar-razzett f'ċerti pajjiżi Asjatiċi, li dan il-virus kien infetta l-popolazzjoni ta' tjur selvaġġi, kemm sedentarji kif ukoll migratorji. Din is-sitwazzjoni epidemjoloġika, li, skontha, qatt ma kienet immaterjalizzat fil-passat, setgħet toriġina virus pandemiku għall-bniedem u twassal għal konsegwenzi imprevedibbli. Madankollu, fid-dawl tan-nuqqas ta' għarfien fir-rigward tal-infezzjonijiet tat-tip ITPGħ fl-għasafar selvaġġi, hija kkunsidrat li evalwazzjoni tas-sitwazzjoni u previżjonijiet fir-rigward ta' żviluppi futuri ma setgħux ikunu ssostanzjati permezz ta' data xjentifika suffiċjenti.

7 Fir-rigward tar-riskju li kienu jirrappreżentaw għat-tjur tar-razzett fl-Unjoni l-għasafar miżmuma f'gaġeġ, li jinkludu b'mod partikolari l-għasafar maħsuba sabiex jinżammu għal finijiet ta' eżibizzjoni u bħala annimali tad-dar, l-EFSA kkunsidrat li dawn l-għasafar setgħu jkunu infettati b'virus li tikkawża l-influwenza tat-tjur, inklużi dawk tas-sottotipi H5 u H7, u għalhekk, fil-każ ta' importazzjoni, setgħu jirrappreżentaw riskju li dawn il-virus jiġu introdotti fl-Unjoni.

*Fuq id-Deċiżjoni 2005/760/KE u l-proroga tal-miżuri adottati*

8 Fis-27 ta' Ottubru 2005, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2005/760/KE, dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' suspett ta' [ITPGħ] f'ċerti pajjiżi terzi għall-importazzjoni ta' għasafar maqbudin (ĠU L 349 M, 12.12.2006, p. 519), li ssospendiet l-importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar ħajjin, bl-esklużjoni tat-tjur tar-razzett. Dawn il-miżuri kellhom japplikaw sat-30 ta' Novembru 2005.

9 Il-miżuri adottati fid-Deċiżjoni 2005/760 ġew emendati u pprorogati sat-30 ta' Ġunju 2007 permezz ta' diversi deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, bl-aħħar proroga prevista mid-Deċiżjoni 2007/183/KE, tat-23 ta' Marzu 2007, li temenda d-Deċiżjoni 2005/760 (ĠU L 84, p. 44).

*Fuq l-Opinjoni tal-EFSA tal-2006*

10 Fis-27 ta' Ottubru 2006, bi tweġiba għal talba tal-Kummissjoni tal-25 ta' April 2005, l-EFSA tat opinjoni xjentifika dwar ir-riskji, għas-saħħa u għall-benesseri tal-annimali, li jirriżultaw mill-importazzjoni ta' għasafar selvaġġi għajr it-tjur tar-razzett fl-Unjoni [*The EFSA Journal* (2006) 410, p. 1 sa 55] (iktar 'il quddiem l-"Opinjoni tal-EFSA tal-2006"). Hija fformulat diversi rakkomandazzjonijiet għas-saħħa u għall-benesseri tal-għasafar maqbuda fis-selvaġġ u eżaminat diversi aġenti ta' infezzjoni għall-għasafar, fosthom l-influwenza tat-tjur.

11 Fir-rigward tal-aspetti relatati mas-saħħa, l-EFSA kkunsidrat li l-probabbiltà li aġenti ta' infezzjoni kienu ġew introdotti fl-Unjoni wara l-ħruġ mill-kwarantina ta' għasafar selvaġġi maqbuda kienet tvarja minn waħda "negliġibbli" sa "għolja ħafna". Skont l-EFSA, il-probabbiltà li għasfur selvaġġ maqbud ikun infettat meta jinħareġ mill-kwarantina tvarja minn speċi għal oħra u tiddependi mill-probabbiltà ta' infezzjoni fi stadji fejn is-sintomi jkunu għadhom ma sarux apparenti. Dawn il-konstatazzjonijiet wassluha sabiex tirrakkomanda li n-neċessità li titkompla l-importazzjoni ta' għasafar selvaġġi

maqbuda tiġi eżaminata b'attenzjoni kbira. Hija indikat ukoll li l-għasafar selvaġġi setgħu jkunu infettati permezz ta' kontaminazzjoni laterali minn għasafar selvaġġi oħra li jkunu infettati, permezz ta' ambjent ikkontaminat jew permezz ta' tjur tar-razzett li jkunu infettati.

12 Barra minn hekk, l-EFSA rrilevat li 95 % tal-għasafar importati fl-Unjoni kienu jappartjenu għal waħda mit-tliet familji komposti, rispettivament, mill-Passeriformes (64 %), mill-Psittaciformes (17 %) u mill-Galliformes (14 %), li, fl-2005, 88 % tal-importazzjonijiet ta' għasafar selvaġġi kienu ġejjin mill-Afrika u 78 % kienu ġejjin minn ħames Stati Afrikani u li, b'mod ġenerali, l-għasafar maqbuda kienu irħas mill-għasafar imrobbija fil-magħluq.

13 Fir-rigward, b'mod speċifiku, tal-influwenza tat-tjur, l-EFSA kkunsidrat, qabelxejn, li l-ispeċi ta' għasafar l-iktar importati, jiġifieri l-Passeriformes u l-Psittaciformes, ma kellhomx rwol kbir fl-epidemjoloġija tal-influwenza tat-tjur. Barra minn hekk, il-virus kollha li jikkawżaw l-ITPGħ li jinsabu fl-għasafar kellhom potenzjal żooniku limitat. Madankollu, skont l-EFSA, peress li l-ġenotip tal-virus tal-influwenza tat-tjur, jew parti minnu, kien implikat f'pandemiji kbar fil-passat u, fil-mument tat-tfassil tal-opinjoni, fil-pandemija tal-virus H5N1, programm tajjeb ta' sorveljanza seta' jevita li l-virus tal-influwenza tat-tjur jiddaħħal fl-Unjoni permezz ta' għasafar importati legalment.

14 Barra minn hekk, l-EFSA osservat li, b'mod partikolari għall-Passeriformes u għall-Galliformes, il-virus li jikkawżaw l-ITPGħ kellhom perijodu ta' inkubazzjoni u perijodu fejn jidhru s-sintomi qosra ħafna, b'rata ta' mortalità għolja fi ftit jiem, filwaqt li, għall-Anseriformes, il-perijodu ta' inkubazzjoni seta' jkun ħafna itwal. Hija kkunsidrat ukoll li, fid-dawl tal-perijodu qasir ta' inkubazzjoni, għasfur li jkun wasal fil-kwarantina diġà infettat b'virus tal-influwenza tat-tjur jew li jkun ġie infettat b'dan il-virus matul il-kwarantina jibda juri sintomi tal-marda matul il-perijodu ta' kwarantina. Hija għalhekk ikkunsidrat li l-probabbiltà li tali għasfur jinħareġ mill-kwarantina mingħajr ma l-marda tkun skoperta kienet żgħira ħafna, jekk mhux ukoll negliġibbli. Hija madankollu indikat li kien hemm riskju li għasafar infettati iżda mingħajr sintomi jiġu rrilaxxati minkejja li jkunu infettati.

15 Fl-aħħar nett, l-EFSA rrakkomandat li tiġi evalwata b'attenzjoni kbira n-neċessità li titkompla l-importazzjoni ta' għasafar selvaġġi jew li tingħata preferenza lill-importazzjoni ta' bajd, u dan fid-dawl tar-riskju li jiġu introdotti numru kbir ta' aġenti ta' infezzjoni fl-Unjoni. Hija rrakkomandat ukoll li ssir evalwazzjoni regolari tar-riskju ta' importazzjoni ta' mard li jittieħed sabiex jiġu identifikati ż-żoni u l-pajjiżi b'riskju għoli u l-ispeċi b'riskju għoli, u dan minħabba li dawn ivarjaw fuq perijodu ta' żmien.

*Fuq ir-Regolament (KE) Nru 318/2007*

16 Fit-23 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (KE) Nru 318/2007, li tistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' ċerti għasafar fil-Komunità u l-kondizzjonijiet ta' kwarantina tagħhom (ĠU 2008, L 56M, p. 165). Dan ir-regolament kellu, speċifikament, bħala bażijiet legali, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 91/496, kif ukoll l-Artikolu 17(2)(b) u (3) u l-ewwel u r-raba' inċiżi tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 92/65. Skont l-Artikolu 20 tiegħu, dan ir-regolament daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2007.

17 Il-premessi 4, 5 u 8 sa 10 tar-Regolament Nru 318/2007 huma redatti kif ġej:

"(4) Sabiex jitfassal inventarju tar-riskji li jirriżultaw mill-importazzjoni ta' għasafar maqbuda, il-Kummissjoni fit-13 ta' April 2005 talbet lill-[EFSA] biex tipprovdi opinjoni xjentifika dwar ir-riskji li jirriżultaw minn importazzjoni ta' għasafar maqbuda fis-selvaġġ u għasafar imrobbija fil-magħluq minn pajjiżi terzi.

(5) Wara dik it-talba, il-Bord tal-EFSA fuq is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, matul il-laqgħa tiegħu fis-26 u s-27 ta' Ottubru 2006, adotta Opinjoni Xjentifika dwar ir-riskji fuq is-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali assoċjati mal-importazzjoni ta' għasafar selvaġġi, minbarra tjur tal-irziezet, fl-Unjoni. Dik l-Opinjoni Xjentifika tidentifika għodod u għażliet possibbli li jistgħu jnaqqsu kwalunkwe riskju għas-saħħa tal-annimali identifikat, relatat mal-importazzjoni tal-għasafar li ma humiex tjur tal-irziezet.

[…]

(8) Waħda mir-rakkomandazzjonijiet tal-Opinjoni Xjentifika tal-EFSA għandha x'taqsam mal-kontrolli mwettqa fil-pajjiżi terzi li jesportaw l-għasafar, minbarra t-tjur tal-irziezet, lejn l-Unjoni. It-titjib fil-waqt tal-esportazzjoni għandu jkollu l-aktar impatt fit-tnaqqis tal-probabbiltà li għasafar infettati jkunu ppreżentati biex jidħlu fl-Unjoni. Għal dik ir-raġuni, il-kondizzjonijiet tal-importazzjoni għandhom jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament b'tali mod li l-importazzjoni tkun permessa biss minn pajjiżi terzi awtorizzati għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar bħal dawn.

(9) Rakkomandazzjoni oħra tal-EFSA għandha x'taqsam mal-importazzjoni tal-għasafar maqbuda fis-selvaġġ. L-Opinjoni Xjentifika tidentifika r-riskju kkawżat minn dawk l-għasafar li jistgħu jkunu infettati minħabba tixrid laterali minn għasafar selvaġġi infettati oħrajn mill-ambjent kontaminat, kif ukoll minn propagazzjoni ta' tjur infettati. Meta jitqies ir-rwol li kellhom l-għasafar migratorji selvaġġi fit-tixrid tal-influwenza tat-tjur mill-Ażja lejn l-Ewropa fl-2005 u fl-2006, huwa xieraq li tkun limitata l-importazzjoni ta' għasafar, minbarra t-tjur tal-irziezet, għal għasafar imrobbija fil-magħluq biss.

(10) Huwa rari li tkun tista' tiddistingwi b'ċertezza bejn għasafar maqbuda fis-selvaġġ u għasafar mrobbija fil-magħluq. Metodi ta' mmarkar jistgħu jkunu applikati għaż-żewġ tipi ta'għasafar mingħajr ma jkun possibbli li ssir distinzjoni bejn it-tnejn. Għalhekk huwa xieraq li tkun limitata l-importazzjoni ta' għasafar, minbarra t-tjur ta' l-irziezet, għal stabbilimenti ta' trobbija li huma approvati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ta' l-esportazzjoni, u li jkunu stabbiliti ċerti kondizzjonijiet minimi għal din l-approvazzjoni. "

18 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 318/2007, intitolat "Suġġett", jipprovdi:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali għall-importazzjoni ta' ċerti għasafar [fl-Unjoni], mill-pajjiżi terzi u partijiet minnhom msemmija fl-Anness I, u l-kondizzjonijiet ta' kwarantina għal din l-importazzjoni."

19 L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 318/2007, intitolat "Ambitu", jistipula li dan ir-regolament japplika għal annimali tal-ispeċi tat-tjur, bl-eċċezzjoni, *inter alia*, tat-tjur tar-razzett.

20 L-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 318/2007, intitolat "Stabbilimenti tat-tgħammir approvati", jistabbilixxi, essenzjalment, li l-importazzjoni ta' għasafar ġejjin minn stabbilimenti tat-tgħammir approvati mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz ta' oriġini għandha tiġi awtorizzata sakemm din l-awtorità tkun osservat il-kundizzjonijiet ta' approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-regolament u l-komunikazzjoni tan-numru ta' approvazzjoni lill-Kummissjoni.

21 L-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 318/2007, intitolat "Il-kondizzjonijiet għall-importazzjoni", jipprovdi:

"L-importazzjonijiet tal-għasafar għandhom jiġu awtorizzati biss jekk l-għasafar jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għasafar huma għasfar mgħammra [imrobbija] fil-magħluq [iddefiniti mill-Artikolu 3(ċ) tal-istess regolament bħala 'għasafar li ma nqabdux fis-selvaġġ imma kienu mwielda u mrobbija fil-magħluq minn ġenituri li tgħammru jew kellhom gameti trasferiti mod ieħor fil-magħluq'];

(b) l-għasafar għandhom joriġinaw minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom imsemmija fl-Anness I;

(c) l-għasafar li ġejjin minn stabbilimenti tat-tgħammir approvati li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4;

(d) l-għasafar kienu soġġetti għal test tal-laboratorju għall-individwazzjoni tal-mikrobu minn 7 sa 14-il jum qabel l-imbark b'riżultati negattivi għal kull virus ta' l-influwenza tat-tjur u tal-marda ta' Newcastle;

(e) l-għasafar ma ġewx imlaqqma kontra l-influwenza tat-tjur;

(f) l-għasafar huma akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali skond il-mudell stipulat fl-Anness III ('iċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali');

(g) l-għasafar jiġu identifikati b'numru ta' identifikazzjoni individwali […]"

22 L-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 318/2007, intitolat "Dispożizzjonijiet għall-kwarantina", jipprovdi:

"L-għasafar għandhom ikunu taħt kwarantina mill-inqas għal 30 ġurnata ġo faċilità jew ċentru ta' kwarantina approvati ('il-kwarantina')."

23 L-Anness I tar-Regolament Nru 318/2007, intitolat "Lista ta' pajjiżi terzi li jistgħu jużaw iċ-ċertifika tas-saħħa tal-annimali fl-Anness III", jipprovdi:

"Il-pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkati fil-kolonni 1 u 3 tat-tabella fil-Parti I ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/696/KE, fejn il-kolonna 4 ta' dik it-tabella tistipula mudell taċ-ċertifikat veterinarju għat-tjur tat-tgħammir jew għat-tjur produttivi li mhumiex ratiti (BPP)."

24 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/696/KE, tat-28 ta' Awwissu 2006, li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li minnhom tjur, bajd għat-tifqis, flieles ta' ġurnata, laħam ta' tjur, ta' ratiti u ta' tjur selvaġġi tal-kaċċa, bajd u prodotti tal-bajd u bajd speċifikat bħala liberu mill-patoġeni jistgħu jiġu importati ġewwa u jgħaddu mill-Komunità u l-kondizzjonijiet applikabbli għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja, u li temenda d-Deċiżjonijiet 93/342/KEE, 2000/585/KE u 2003/812/KE (ĠU L 142 M, 5.6.2007, p. 316), imsemmija fl-Anness I tar-Regolament Nru 318/2007, tħassret u ġiet issostitwita bir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 798/2008, tat-8 ta' Awwissu 2008, li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, p. 1), li ġie emendat diversi drabi.

*Fuq l-Opinjoni tal-EFSA tal-2008*

25 Fis-7 ta' Mejju 2008, bi tweġiba għal talba tal-Kummissjoni tal-2007, l-EFSA tat opinjoni dwar l-aspetti tas-saħħa u tal-benesseri tal-annimali tal-influwenza tat-tjur u r-riskju tal-introduzzjoni tagħha fl-irziezet tat-tjur tal-Unjoni Ewropea [*The EFSA Journal* (2008) 715, p. 1 sa 161] (iktar 'il quddiem l-"Opinjoni tal-EFSA tal-2008"]. Il-Kummissjoni inkarigat lill-EFSA tikkonsolida l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet prinċipali tal-opinjonijiet preċedenti tagħha u tevalwa mill-ġdid, fid-dawl tat-tagħrif xjentifiku ġdid, ir-riskju tat-tixrid tal-influwenza tat-tjur fl-irziezet tat-tjur Ewropej. Fid-dawl tal-adozzjoni tar-Regolament Nru 318/2007, ir-riskju li jiġi introdott virus li jikkawża l-ITPB jew l-ITPGĦ bl-importazzjonijiet, issa pprojbiti, ta' għasafar selvaġġi maqbuda ma ġiex speċifikament eżaminat mill-ġdid.

26 Qabelxejn, l-EFSA indikat li, skont l-analiżi tar-razez fl-Istati Membri tal-Unjoni, il-virus kollha li nstabu fit-tjur tal-irziezet u fl-għasafar selvaġġi mill-2006 kienu marbuta mill-qrib ma' xulxin. Fir-rigward tal-patoġenesi u t-tixrid, hija kkonstatat li l-virus H5N1 kien għadu kapaċi jikkawża mortalità sinjifikattiva fil-popolazzjonijiet ta' għasafar selvaġġi u rrilevat li, skont studji esperimentali, xi speċijiet jistgħu jiġu infettati anki mingħajr sinjali kliniċi.

27 Imbagħad, dwar ir-riskju ta' tixrid tal-influwenza tat-tjur mill-għasafar selvaġġi, l-EFSA fakkret li dawn l-għasafar kienu involuti f'dan it-tixrid madwar l-Asja, il-Lvant Nofsani, l-Ewropa u l-Afrika. Għalkemm, sa mill-opinjoni tagħha tal-2006, relattivament ftit speċi ġew suġġetti għal infezzjoni esperimentali, hija madankollu rrilevat li l-għasafar selvaġġi involuti f'dan it-tixrid kienu jinkludu iktar speċi milli antiċipat qabel, b'mod partikolari bit-tixrid ta' ħmieġ infettat, kemm qabel is-sintomi kif ukoll mingħajr sintomi. Fid-dawl tan-numru ta' każijiet ta' infezzjoni mill-virus H5N1 osservati fl-għasafar selvaġġi bejn l-2006 u l-2008, ir-riskju ta' tixrid tal-ITPGĦ mill-għasafar selvaġġi kien jidher li huwa okkorrenza "regolari" iktar milli rari ħafna jew komuni ħafna. Il-preżenza kostanti, sa mill-2006, ta' dan il-virus fi ħdan il-popolazzjoni tal-għasafar selvaġġi ma setgħetx tiġi eskluża, peress li l-virus seta' jiċċirkula f'livell li ma jidhirx. Skont l-EFSA, kien hemm għalhekk riskju "kontinwu" ta' kontaminazzjoni tat-tjur tar-razzett Ewropej mill-għasafar selvaġġi infettati.

28 Finalment, dwar ir-riskju ta' tixrid tal-influwenza tat-tjur bl-importazzjoni ta' għasafar selvaġġi ta' pajjiżi terzi, l-EFSA kkonstatat dan li ġej:

"L-għasafar selvaġġi maqbuda joħolqu riskju ta' tixrid tal-ITPGĦ. Id-dispożizzjonijiet dwar l-importazzjoni u l-kwarantina għall-għasafar maqbuda ġew riveduti u msaħħa, u issa huma ristretti għall-għasafar mrobbija fil-magħluq li jkunu ġejjin minn stabbilimenti tat-trobbija approvati ta' lista limitata ta' pajjiżi. Għalhekk, huma biss l-importazzjonijiet illegali li joħolqu riskju."

*Fuq ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 139/2013*

29 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2013, tas-7 ta' Jannar 2013, li jistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' ċerti għasafar fl-Unjoni u l-kondizzjonijiet ta' kwarantina tagħhom (ĠU L 47, p. 1), daħal fis-seħħ fit-12 ta' Marzu 2013.

30 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, li ħassar ir-Regolament Nru 318/2007, jikkostitwixxi, skont il-premessa 1 tiegħu, "kodifikazzjoni" ta' dan ir-regolament tal-aħħar. Il-premessi 4, 5 u 8 sa 10 tar-Regolament Nru 318/2007 saru għalhekk il-premessi 3 sa 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, filwaqt li r-rotazzjoni numerika tal-artikoli ma nbidlitx. L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013 jirreferi issa għal-lista ta' pajjiżi terzi stabbilita mir-Regolament Nru 798/2008 (ara l-punt 24 iktar 'il fuq), b'żieda magħha tar-Repubblika Arġentina u reġjun tar-Repubblika tal-Filippini.

*Fuq is-sentenza ATC et vs Il-Kummissjoni tal-2013*

31 Fis-sentenza tas-16 ta' Settembru 2013, ATC *et* vs Il-Kummissjoni (T-333/10, Ġabra, iktar 'il quddiem is-"sentenza ATC *et*", EU:T:2013:451), il-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) iddeċidiet, fuq bażi interlokutorja, li meta adottat kemm id-Deċiżjoni 2005/760 kif ukoll id-deċiżjonijiet sussegwenti ta' proroga ta' din l-ewwel deċiżjoni, il-Kummissjoni wettqet diversi illegalitajiet, li jikkonsistu fi ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tad-dmir ta' diliġenza, ta' natura li jistabbilixxu r-responsabbiltà tal-Unjoni għall-finijiet tal-kumpens għad-danni li r-rikorrenti f'dik il-kawża ġarrbu minħabba s-sospensjoni tal-importazzjonijiet ta' għasafar selvaġġi minn pajjiżi terzi li jagħmlu parti mill-kummissjonijiet reġjonali tal-Office international des épizooties (OIE, li sar l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali) (sentenza ATC *et*, iċċitata iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punt 193).

32 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-kumplament tar-rikors, jiġifieri fir-rigward tar-Regolament Nru 318/2007, billi kkonkludiet ukoll li, fid-dawl tal-ilmenti invokati minn dawn ir-rikorrenti, il-Kummissjoni, meta adottat dan ir-regolament, ma wettqitx ksur suffiċjentement serju ta' regola tad-dritt li tipproteġi lill-individwi ta' natura tali li jista' jwassal sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Unjoni (sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punt 192). Fir-rigward tal-legalità ta' dan ir-regolament, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-ilmenti invokati minn dawn ir-rikorrenti ma kinux jinkludu l-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità speċifikament minħabba l-portata ġeografika tal-projbizzjoni tal-importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi, b'mod li hija ma ġietx adita b'din il-kwistjoni, li dwarha ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni, taħt piena li tiddeċiedi *ultra petita* (sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punti 149 u 165).

33 Fid-digriet tas-17 ta' Settembru 2014, ATC *et* vs Il-Kummissjoni (T-333/10, EU:T:2014:842), il-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla), filwaqt li ħadet konjizzjoni tal-ftehim li sar bejn il-partijiet fir-rigward tal-ammonti ta' kumpens għad-danni subiti minn dawn ir-rikorrenti minħabba l-illegalità tad-Deċiżjoni 2005/760 u tad-deċiżjonijiet ta' proroga tagħha, ikkonstatat li ma kienx għad hemm iktar lok li tiddeċiedi dan ir-rikors.

*Fuq l-Opinjoni tal-EFSA tal-2014*

34 Fil-15 ta' Diċembru 2014, bi tweġiba għal talba ġdida tal-Kummissjoni tal-istess sena, l-EFSA tat opinjoni dwar is-sottotip H5N8 tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja [*The EFSA Journal* 2014;12(12):3941, p. 32] (iktar 'il quddiem l-"Opinjoni tal-EFSA tal-2014").

35 F'din l-opinjoni l-ġdida, l-EFSA rrilevat li ġew ikkonstatati każijiet ta' tjur ikkontaminati mill-virus H5N8 f'irziezet tat-tjur fl-Asja u fl-Ewropa wara Jannar u Novembru 2014, rispettivament. Peress li l-oriġini tal-virus kien għadu mhux magħruf, hija pprevediet diversi ipoteżijiet ta' kontaminazzjoni, fosthom it-tixrid indirett mill-bniedem, vetturi jew annimali ħajjin, u kkunsidrat li kuntatt dirett mal-għasafar selvaġġi fl-irziezet ma kienx l-ipoteżi l-iktar probabbli fost dawn l-ipoteżijiet. Madankollu, hija indikat li, fid-dawl tal-patoġeniċità apparentement baxxa għal ċerti speċi ta' għasafar selvaġġi, sorveljanza miżjuda, attiva u passiva, ta' dawn l-għasafar, ħajjin jew mejtin, ittejjeb il-komprensjoni tar-riskju ta' tixrid fost it-tjur tar-razzett u tiffaċilita t-tfassil ta' miżuri b'miri speċifiċi. Hija kkonstatat ukoll li dan il-virus instab ukoll fi ħdan il-popolazzjonijiet ta' għasafar selvaġġi fil-Ġermanja u fil-Pajjiżi l-Baxxi.

**Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet**

36 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-18 ta' Diċembru 2014, ir-rikorrenti ressqu dan ir-rikors għad-danni.

37 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tikkundanna lill-Kummissjoni tikkumpensa għad-dannu li huma sostnew, sa mill-1 ta' Jannar 2010, minħabba l-adozzjoni ta' projbizzjoni tal-importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda, applikabbli kważi mad-dinja kollha, li jidhru fir-Regolament Nru 318/2007 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

38 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

**Id-dritt**

39 Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Unjoni għandha, skont il-prinċipji ġenerali komuni għas-sistemi legali tal-Istati Membri, tagħmel tajjeb għal kull dannu kkawżat mill-istituzzjonijiet tagħha jew mill-membri tal-persunal tagħha fit-twettiq ta' dmirijiethom.

40 Skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, fir-rigward tal-aġir illegali tal-istituzzjonijiet jew tal-korpi tagħha huwa meħtieġ li jkunu ssodisfatti numru ta' kundizzjonijiet ta' natura kumulattiva, jiġifieri l-illegalità tal-aġir invokat fil-konfront tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni, ir-realtà tad-dannu u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir allegat u d-dannu invokat (ara s-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-ewwel kundizzjoni, dwar l-aġir illegali invokat fil-konfront tal-istituzzjoni jew tal-korp ikkonċernat, il-ġurisprudenza teħtieġ li jiġi stabbilit ksur suffiċjentement serju ta' regola tad-dritt intiża sabiex tagħti drittijiet lill-individwi. Il-kriterju deċiżiv sabiex ikun jista' jitqies li ksur huwa suffiċjentement serju huwa n-nuqqas manifest u gravi, min-naħa tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni kkonċernat, li josservaw il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom. Huwa biss meta din l-istituzzjoni jew dan il-korp ikollhom biss marġni diskrezzjonali kunsiderevolment ridott, jew saħansitra ineżistenti, li s-sempliċi ksur tad-dritt tal-Unjoni jista' jkun suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju (ara s-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kriterju tal-ksur suffiċjentement serju fil-kuntest ta' din il-kawża, għandu jiġi speċifikat li eventwali ksur suffiċjentement serju tar-regoli ta' dritt inkwistjoni għandu jkun ibbażat fuq nuqqas manifest u gravi li jiġu osservati l-limiti tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu l-leġiżlatur tal-Unjoni fl-eżerċizzju tal-kompetenzi fil-qasam tal-politika agrikola komuni taħt l-Artikolu 43 KE. Fil-fatt, l-eżerċizzju ta' din is-setgħa diskrezzjonali jimplika n-neċessità, għal-leġiżlatur tal-Unjoni, li jantiċipa u jevalwa żviluppi ekoloġiċi, xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi ta' natura kumplessa u inċerta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan ir-rigward, minkejja li l-istudji u l-opinjonijiet xjentifiċi għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-għażla politika li l-iffissar ta' livell ta' protezzjoni xieraq għas-soċjetà jikkostitwixxi hija kompetenza ta' dawn l-istituzzjonijiet u mhux tax-xjentisti [sentenza tat-12 ta' April 2013, Du Pont de Nemours (France) *et* vs Il-Kummissjoni, T-31/07, EU:T:2013:167, punt 270].

43 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li r-rekwiżit ta' ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni huwa intiż, irrispettivament min-natura tal-att illegali inkwistjoni, sabiex jiġi evitat li r-riskju li jkollhom jiġu kkumpensati d-danni allegati mill-impriżi kkonċernati jostakola l-kapaċità tal-istituzzjoni kkonċernata li teżerċita b'mod sħiħ il-kompetenzi tagħha fl-interess ġenerali, kemm fil-kuntest tal-attività tagħha bħala leġiżlatur jew li timplika għażliet ta' politika ekonomika u kemm fil-kuntest tal-kompetenza amministrattiva tagħha, u dan mingħajr ma jgħaddi fuq l-individwi l-oneru tal-konsegwenzi ta' nuqqasijiet flagranti u mhux skużabbli (ara s-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 F'dan il-każ, ir-rikorrenti qegħdin essenzjalment isostnu li l-Kummissjoni, meta introduċiet, inizjalment, b'mod provviżorju, projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda fl-ambjent naturali tagħhom bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni 139/2013, meta pprorogat, sussegwentement, din il-projbizzjoni permezz ta' deċiżjonijiet ta' proroga u meta, finalment, ikkonfermat "de facto" għal

dejjem din il-projbizzjoni bl-adozzjoni tar-Regolament Nru 318/2007, wettqet żball suffiċjentement serju ta' ċerti dispożizzjonijiet legali li l-għan tagħhom huwa li jagħtuhom drittijiet, żball li allegatament ikkawżalhom dannu reali u ċert.

45 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti jinvokaw l-illegalità tar-Regolament Nru 318/2007 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013 fit-totalità tagħhom, mingħajr ma jispeċifikaw id-dispożizzjonijiet partikolari li minnhom tirriżulta projbizzjoni ta' importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda. Il-Qorti Ġenerali madankollu tqis li l-argumentazzjoni tar-rikorrenti hija suffiċjentement ċara sabiex il-Kummissjoni u l-qorti tal-Unjoni jkunu jistgħu jidentifikaw dawn id-dispożizzjonijiet mingħajr diffikultà (ara wkoll, bħala analoġija, is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2006, Galileo International Technology *et* vs Il-Kummissjoni, T-279/03, Ġabra, EU:T:2006:121, punt 47).

46 Fl-ewwel lok, għandha tiġi eżaminata l-eżistenza ta' aġir illegali min-naħa tal-Kummissjoni, fid-dawl tal-prinċipji esposti fil-punti 39 sa 43 iktar 'il fuq.

*Fuq l-eżistenza ta' aġir illegali*

47 Sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' aġir illegali tal-Kummissjoni, ir-rikorrenti jinvokaw, essenzjalment, tliet motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq ksur serju tal-libertà ta' intrapriża, tal-libertà professjonali u tad-dritt għall-proprjetà, kif iggarantiti mill-Artikoli 15 sa 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, it-tieni wieħed, fuq ksur serju tal-prinċipju ta' proporzjonalità u, it-tielet wieħed, fuq ksur serju tad-dmir ta' diliġenza.

48 Il-Qorti Ġenerali tqis li huwa xieraq li jiġu eżaminati suċċessivament it-tieni, it-tielet u l-ewwel motivi.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur serju tal-prinċipju ta' proporzjonalità

49 Bit-tieni motiv, ir-rikorrenti jallegaw li l-Kummissjoni, bl-adozzjoni u biż-żamma fis-seħħ tar-Regolament Nru 318/2007 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, kisret, b'mod serju, il-prinċipju ta' proporzjonalità. F'dan ir-rigward, huma jressqu tliet ilmenti bbażati, l-ewwel nett, fuq il-portata ġeografika wisq estiża tal-projbizzjoni tal-importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda, li tikser ukoll il-prinċipju ta' prekawzjoni, it-tieni nett, fuq in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' soluzzjoni ta' kwarantina bħala mezz inqas restrittiv tal-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur u, it-tielet nett, fuq in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' sorveljanza iktar intensiva tal-għasafar migratorji bħala mezz iktar effikaċi ta' din il-ġlieda.

50 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' proporzjonalità, li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u huwa riprodott fl-Artikolu 5(4) TUE, jeżiġi li l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma jeċċedux il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju għat-twettiq tal-għanijiet leġittimi li jridu jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, filwaqt li meta jkun hemm possibbiltà ta' għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel l-inqas waħda restrittiva, u l-inkonvenjenzi li jinħolqu ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet previsti. F'dak li jikkonċerna l-istħarriġ ġudizzjarju tal-kundizzjonijiet tal-implementazzjoni ta' dan il-prinċipju, fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu l-leġiżlatur tal-Unjoni fil-qasam tal-politika agrikola komuni, hija biss in-natura manifestament inadegwata ta' miżura adottata f'dan il-kamp, meta mqabbla mal-għan li l-istituzzjoni kompetenti trid tilħaq, li tista' taffettwa l-legalità ta' tali miżura. B'hekk, dak li huwa meħtieġ ma huwiex li jiġi ddeterminat jekk il-miżuri meħuda mil-leġiżlatur tal-Unjoni humiex l-uniċi jew l-aħjar miżuri possibbli, iżda li jiġi ddeterminat jekk dawn humiex jew le manifestament inadegwati meta mqabbla mal-għan segwit (ara s-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punti 98 u 99 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Għandu jitfakkar ukoll li l-prinċipju ta' prekawzjoni jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li jirriżulta mill-Artikolu 11 TFUE, mill-Artikolu 168(1) TFUE, mill-Artikolu 169(1) u (2) TFUE u mill-Artikolu 191(1) u (2) TFUE, u li jobbliga lill-awtoritajiet ikkonċernati jieħdu, fil-kuntest speċifiku tal-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija lilhom mil-leġiżlazzjoni rilevanti, miżuri adegwati sabiex jiġu evitati ċerti riskji potenzjali għas-saħħa pubblika, għas-sigurtà u għall-ambjent filwaqt li jagħtu iktar preċedenza lir-rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni ta' dawn l-interessi meta mqabbla mal-interessi ekonomiċi. B'hekk, il-prinċipju ta' prekawzjoni jippermetti lill-istituzzjonijiet, meta jkun hemm inċertezzi xjentifiċi fir-rigward tal-eżistenza jew fir-rigward tal-portata ta' riskji għas-saħħa tal-bniedem, li jieħdu miżuri ta' protezzjoni mingħajr ma jistennew li jiġu pprovati kompletament ir-realtà u l-gravità ta' dawn ir-riskji jew mingħajr ma jistennew li jimmaterjalizzaw l-effetti negattivi għas-saħħa. Barra minn hekk, meta d-determinazzjoni b'ċertezza tal-eżistenza jew tal-portata tar-riskju allegat tirriżulta impossibbli minħabba n-natura insuffiċjenti, mhux konklużiva jew mhux preċiża tar-riżultati tal-istudji magħmula, iżda l-probabbiltà ta' ħsara reali għas-saħħa pubblika tippersisti fl-ipoteżi li r-riskju jimmaterjalizza ruħu, il-prinċipju ta' prekawzjoni jiġġustifika l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi, sakemm dawn ma jkunux diskriminatorji u jkunu oġġettivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punti 79 sa 81 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 F'dan il-każ, preliminarjament, huwa stabbilit li l-għan imfittex mir-Regolament Nru 318/2007 u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, sa fejn dawn jistabbilixxu kundizzjonijiet tas-saħħa, għandu rabta mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tas-saħħa tal-annimali, u li dan l-għan huwa leġittimu.

– Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq il-portata ġeografika wisq estiża tal-projbizzjoni ta' importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda

53 Bl-ewwel ilment, ir-rikorrenti jallegaw li r-Regolament Nru 318/2007 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013 għandhom portata ġeografika wisq estiża, sa fejn jipprevedu "projbizzjoni assoluta ta' negozju", fil-livell dinji, ta' għasafar selvaġġi maqbuda, meta, skont l-istat ta' għarfien xjentifiku kkonsolidat sa mill-2010, partikolarment mill-OIE, ċerti pajjiżi terzi, partikolarment dawk tal-Amerika t'Isfel u l-Oċeanja, ma humiex affettwati mill-influwenza tat-tjur. Billi jibbażaw ruħhom prinċipalment fuq is-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2013:451), huma jsostnu li dawn ir-regolamenti għandhom jingħataw l-istess evalwazzjoni ta' ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, minħabba l-portata ġeografika wisq estiża tal-projbizzjoni ta' importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda, bħal dik ifformulata mill-qorti Ġenerali f'dik is-sentenza għad-Deċiżjoni 2005/760 u l-proroga tal-miżuri adottati (ara l-punti 8 u 9 iktar 'il fuq).

54 Barra minn hekk, skont ir-rikorrenti, ir-Regolament Nru 318/2007 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, konformement mal-bażijiet legali tagħhom, jiġifieri d-Direttivi 91/496 u 92/65, għandhom l-għan li jilħqu, mhux, kif issostni l-Kummissjoni, il-garanziji ekwivalenti fil-pajjiżi terzi, iżda l-prinċipju ta' prekawzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tas-saħħa tal-annimali mill-kontaminazzjoni tal-virus tal-influwenza tat-tjur. Issa, dawn l-għanijiet ta' protezzjoni tas-saħħa ma jippermettux li tiġi rrinunzjata kull konnessjoni territorjali u kull riskju konkret ta' trażmissjoni minn pajjiż terz fuq il-bażi ta' propagazzjoni dinjija indifferenzjata. Għall-kuntrarju, hija biss leġiżlazzjoni li tieħu inkunsiderazzjoni livelli differenti ta' riskji konkreti kkawżati mill-pajjiżi u l-kontinenti li tkun konformi mal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' prekawzjoni.

55 Il-Kummissjoni topponi l-argumentazzjoni tar-rikorrenti.

56 F'dan il-każ, għandha, fl-ewwel lok, tiġi ppreċiżata l-portata ġuridika tal-illegalitajiet ikkonstatati fis-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2013:451), fit-tieni lok, tiġi eżaminata, fid-dawl tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' prekawzjoni, il-legalità ta' leġiżlazzjoni li tikkundizzjona l-importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar *inter alia* għat-trobbija tagħhom fil-magħluq u li jkunu joriġinaw

minn pajjiżi terzi li jistgħu jipprovdu garanziji ekwivalenti għal dawk prevalenti fl-Unjoni, u, fit-tielet lok, tittieħed deċiżjoni fuq in-natura proporzjonata, f'dan il-każ, tal-portata ġeografika tal-projbizzjoni ta' importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda, kif jirriżulta partikolarment mill-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 318/2007 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, moqri flimkien mal-Artikolu 3(ċ) tagħhom (ara l-punti 21 u 45 iktar 'il fuq).

57 Fl-ewwel lok, dwar il-portata ġuridika tal-illegalitajiet ikkonstatati fis-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2013:451), għandu, qabelxejn, jitfakkar li l-Qorti Ġenerali ma ppronunzjatx ruħha, fir-rigward tal-legalità tar-Regolament Nru 318/2007, fuq il-possibbiltà ta' ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba l-portata ġeografika wisq estiża tal-projbizzjoni ta' importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda (ara l-punt 32 iktar 'il fuq).

58 Sussegwentement, għandu jiġi rrilevat li l-miżuri li l-Qorti Ġenerali qieset, fis-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2013:451), sproporzjonati minħabba l-portata ġeografika wisq estiża u li hija ddikjarat illegali, jiġifieri dawk previsti mid-Deċiżjoni 2005/760 u pprorogati sussegwentement, jikkonsistu f'miżuri ta' salvagwardja bbażati fuq l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 91/496.

59 Issa, l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 91/496 għandu *inter alia* bħala kundizzjoni ta' applikazzjoni li, "kull żoonożi jew kull marda jew fenomenu ieħor li jista' jkun ta' theddida serja għall-ħajja ta' l-annimali jew għal bniedem iseħħ jew jinfirex fit-territorju ta' kull pajjiż terz". F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tieħu waħda mill-miżuri li huma "[jew dik li] tissospendi l-importazzjonijiet li ġejjin mill-pajjiż terz jew parti mill-pajjiż terz ikkonċernat, u fejn xieraq mill-pajjiż terz tal-vjaġġ, [jew dik li] tistabbilixxi kundizzjonijiet speċjali fir-rigward ta' annimali li jkunu ġejjin mill-pajjiż terz kollu jew minn parti minnu". Għalhekk, din id-dispożizzjoni tirreferi għal pajjiż terz speċifiku li fih hemm riskju tas-saħħa tat-tjur. Fis-sentenza ATC *et*, ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2013:451), il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li l-miżuri ta' salvagwardja inkwistjoni kellu jkollhom rabta mal-"pajjiż terz kollu jew minn parti minnu" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni (sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punt 86).

60 Mill-banda l-oħra, il-bażijiet legali li fuqhom huma bbażati r-Regolament Nru 318/2007 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, rilevanti fil-każ ineżami, ma jagħmlu ebda riferiment għal pajjiż terz speċifiku li fih hemm riskju tas-saħħa tat-tjur. L-Artikolu 17(3)(a) tad-Direttiva 92/65 pjuttost jippermetti lill-Kummissjoni tipprevedi kundizzjonijiet ġenerali tas-saħħa li jiżguraw li l-importazzjonijiet jiġu biss minn pajjiżi terzi li "jistgħu jipprovdu Stat Membru jew il-Kummissjoni garanziji ekwivalenti għal dawk li hemm provvediment dwarhom fil-Kapitolu II fir-rigward tal-annimali, is-semen, l-ova u l-embrijuni". Bl-istess mod, meta l-Artikolu 17(3)(ċ) ta' din id-direttiva jinvoka "[l]-ħtiġijiet speċifiċi ta' saħħa ta' l-annimali - partikolarment għal protezzjoni tal-[Unjoni] minn ċertu mard eżotiku - jew garanziji ekwivalenti għal dawk li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva", huwa jipprevedi wkoll rekwiżiti ġenerali minn perspettiva ġeografika, mingħajr riferiment għal pajjiż terz partikolari. Il-bażijiet legali l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, jiġifieri l-ewwel u raba' inċiżi tal-Artikolu 18(1) ta' din id-direttiva kif ukoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 91/496 lanqas ma jirreferu għal pajjiż terz ikkonċernat.

61 Għalhekk, ir-Regolament Nru 318/2007 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013 ma jikkostitwixxux miżuri ta' salvagwardja iżda, konformement mal-bażijiet legali tagħhom, jistabbilixxu, għall-pajjiżi terzi kollha, kundizzjonijiet ġenerali tas-saħħa għall-importazzjoni ta' annimali fl-Unjoni.

62 Minn dan isegwi li l-konstatazzjonijiet ta' illegalitajiet li saru mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, jaqgħu fil-kuntest partikolari tal-miżuri ta' salvagwardja u ma jistgħux jiġu applikati bħala tali għar-Regolament Nru 318/2007 u għar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013.

63 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-legalità, fid-dawl tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' prekawzjoni, ta' leġiżlazzjoni li tikkundizzjona l-importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar *inter alia* għat-trobbija tagħhom fil-magħluq u għall-kundizzjoni li dawn joriġinaw minn pajjiżi terzi li jkunu jistgħu jipprovdu garanziji ekwivalenti għal dawk prevalenti fl-Unjoni, għandu jiġi rrilevat, preliminarjament, li, skont il-Kapitolu 1 tal-Anness II tar-Regolament Nru 318/2007 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, il-kundizzjonijiet sabiex pajjiż terz ikun jista' jiġi inkluż fil-lista prevista fl-Artikolu 17(3)(ċ) tad-Direttiva 92/65 jikkostitwixxu, essenzjalment, garanzija doppja. Minn naħa, il-pajjiż ta' oriġini għandu jkollu sistema veterinarja effikaċi, b'laboratorji kompetenti. Min-naħa l-oħra, l-annimali importati fl-Unjoni għandhom joriġinaw minn stabbiliment tat-trobbija awtorizzat f'dan il-pajjiż u, għaldaqstant, ikunu trabbew fih u fil-magħluq. Dawn iż-żewġ kundizzjonijiet huma intiżi sabiex jippermettu sorveljanza mill-qrib tal-annimali u l-eżekuzzjoni rapida ta' miżuri tal-ġlieda kontra l-mard.

64 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fis-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2013:451), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-regoli li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet tas-saħħa li jirregolaw l-iskambji u l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' annimali, bħal dawk stabbiliti, partikolarment, mid-Direttiva 92/65 u, b'mod speċifiku, l-Artikolu 17(2) u (3) tagħha u l-ewwel u r-raba' inċiżi tal-Artikolu 18(1) tagħha, li fuqhom huwa bbażat ir-Regolament Nru 318/2007, huma bbażati fuq il-prinċipju ta' awtorizzazzjoni minn qabel. Skont dan il-prinċipju, għal raġunijiet ta' saħħa u ta' prevenzjoni, kull importazzjoni ta' annimali li joriġinaw minn pajjiż terz hija, fil-prinċipju, ipprojbita u tista' ssir biss permezz ta' awtorizzazzjoni espressa marbuta mat-twettiq tal-formalitajiet u tal-kontrolli minn qabel obbligatorji, li jagħtu lok għall-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-importazzjoni hija awtorizzata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punti 140 u 141). Għaldaqstant, fuq il-bażi tal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 92/65, il-Kummissjoni hija awtorizzata teskludi jew tħassar ċerti pajjiżi terzi minn din il-lista, bil-konsegwenza li tkun awtomatikament ipprojbita kwalunkwe importazzjoni ta' annimali mill-pajjiżi msemmija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punti 142 u 143)

65 Għalhekk, il-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa meta tistabbilixxi r-"regoli dwar is-saħħa ta' l-annimali [...] għat-tqegħid fis-suq ta' annimali", fis-sens tal-ħames premessa tad-Direttiva 92/65, li tinkludi neċessarjament il-possibbiltà li ma tkunx awtorizzata l-importazzjoni fl-Unjoni ta' ċerti speċi ta' annimali minn ċerti pajjiżi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet ta' importazzjoni msemmija iktar 'il fuq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punt 146). Barra minn hekk, skont l-Artikolu 17(3)(ċ) tad-Direttiva 92/65, li jsemmi l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi "ħtiġijiet speċifiċi ta' saħħa ta' l-annimali – partikolarment għal protezzjoni tal-[Unjoni] minn ċertu mard eżotiku", jissodisfa l-għan ta' protezzjoni u ta' prevenzjoni li huwa inerenti għall-prinċipju ta' prekawzjoni, li għall-implementazzjoni tiegħu l-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa f'dan il-kuntest (ara, f'dan is-sens, is-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punt 147).

66 Fis-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2013:451), il-Qorti Ġenerali ġġudikat essenzjalment, li leġiżlazzjoni li tikkundizzjona l-importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar għall-kundizzjoni li dawn joriġinaw minn pajjiżi terzi li jistgħu jipprovdu garanziji ekwivalenti għal dawk prevalenti fl-Unjoni, bħal dik li tinsab fir-Regolament Nru 318/2007, kienet konformi mal-għanijiet u mal-preskrizzjonijiet tad-Direttiva 92/65 kif ukoll mal-prinċipju ta' prekawzjoni, u ma kinitx sproporzjonata.

67 Fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat li din il-konklużjoni ta' prinċipju hija applikabbli kemm għar-Regolament Nru 318/2007 kif ukoll għar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, sa fejn dan tal-aħħar jikkostitwixxi "kodifikazzjoni" tar-Regolament Nru 318/2007 u jirriproduċi, essenzjalment, il-kontenut tiegħu (ara l-punt 30 iktar 'il fuq).

68 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-allegata "projbizzjoni totali ta' importazzjonijiet" għall-għasafar salvaġġi maqbuda tikkostitwixxi biss il-korollarju tar-rekwiżit li l-annimali għandhom jiġu minn stabbiliment tat-trobbija approvat, fejn ikunu trabbew fil-magħluq, u mhux mill-ambjent naturali.

69 Issa, minħabba l-inċertezzi dwar l-istat tas-saħħa tal-għasafar selvaġġi maqbuda (ara, f'dan is-sens, is-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, UE:T:2013:451, punt 159), għandu jiġi kkonstatat li r-rekwiżit li dawn għandhom jiġu minn stabbiliment tat-trobbija approvat, fejn ikunu trabbew fil-magħluq, flimkien ma' dak ta' sistema veterinarja effikaċi, jikkostitwixxu l-kundizzjoni indispensabbli ta' sorveljanza tas-saħħa u ta' kontroll preventiv fil-pajjiż terz ta' oriġini, li, min-naħa tagħhom, jikkundizzjonaw l-osservanza minn dan il-pajjiż terz tal-garanziji ekwivalenti għal dawk prevalenti fl-Unjoni u l-inklużjoni tiegħu fil-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-importazzjoni ta' annimali fl-Unjoni hija awtorizzata.

70 Għalhekk, il-prinċipju ta' awtorizzazzjoni minn qabel, kif deskritt fil-punt 64 iktar 'il fuq, stipulat fuq il-bażijiet legali tar-Regolament Nru 318/2007 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013 u konformement mal-prinċipju ta' prekawzjoni, ma għandux jiġi applikat fuq il-bażi ta' preżunzjonijiet dwar is-sitwazzjoni ġenerali tas-saħħa fil-pajjiż terz ta' oriġini, iżda fuq il-ksib ta' garanziji fir-rigward tas-sorveljanza tas-saħħa tal-għasafar imrobbija fi stabbiliment approvat minn dan il-pajjiż. Dawn il-garanziji jippermettu partikolarment li jiġi ddeterminat b'ċertezza xjentifika suffiċjenti jekk dan il-pajjiż huwa eżenti mill-mard, indipendentement mil-lokazzjoni ġeografika tiegħu u minn tali preżunzjonijiet.

71 Minn dan isegwi li, sa fejn l-allegata "projbizzjoni totali ta' importazzjonijiet" fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda tikkostitwixxi l-korollarju tal-garanziji meħtieġa mill-prinċipju ta' awtorizzazzjoni minn qabel ta' pajjiżi terzi, il-Kummissjoni, meta rrikjediet tali garanziji fir-Regolament Nru 318/2007 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, bħala parti mis-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħha (ara l-punt 42 iktar 'il fuq), ma wettqet ebda żball manifest jew ksur serju tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-prinċipju ta' prekawzjoni.

72 Fit-tielet lok, fir-rigward tan-natura proporzjonata, fil-każ ineżami, tal-portata ġeografika tal-projbizzjoni ta' importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni setgħet teċċedi s-setgħa diskrezzjonali tagħha u tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità biss billi tonqos milli tawtorizza l-importazzjoni ta' tali għasafar li jkunu ġejjin minn żoni manifestament eżentati mill-influwenza tat-tjur.

73 Issa, għandu jiġi kkonstatat, fid-dawl tad-data xjentifika introdotta fil-proċess mill-partijiet, li l-influwenza tat-tjur, fil-forma ta' ITPGĦ jew ITPB, tista' tinsab fl-għasafar selvaġġi fil-kontinenti kollha.

74 L-ewwel nett, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 10.4.27 tat-23 Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali, stabbilit mill-OIE, jipprovdi:

"Il-preżenza tal-virus tal-influwenza tat-tip A fl-għasafar selvaġġi toħloq problema partikolari. Essenzjalment, l-ebda Stat Membru ma jista' jiddikjara lilu nnifsu ħieles mill-influwenza tat-tip A fl-għasafar selvaġġi [fid-dawl tal-limiti, għal dawn l-għasafar, għall-obbligu ġenerali ta' notifika u għall-iskambji ta' informazzjoni kif previsti għat-tjur]."

75 Fi stqarrija tad-19 ta' Mejju 2015, prodotta mill-Kummissjoni, l-OIE tenfasizza wkoll ir-rwol tal-għasafar selvaġġi bħala reċipjenti u vetturi ta' virus fid-diversi epidemiji tal-influwenza tat-tjur, filwaqt li tinsisti fuq l-eżistenza ta' fatturi ta' trażmissjoni oħra, partikolarment fost il-postijiet ta' trobbija tat-tjur fl-assenza ta' prekawzjonijiet xierqa.

76 It-tieni nett, għandu jiġi kkonstatat li l-Amerika t'Isfel u l-Oċeanja diġà ntalqtu mill-virus tal-influwenza tat-tjur u li l-għasafar selvaġġi ġew infettati. L-allegazzjonijiet kuntrarji tar-rikorrenti huma bbażati fuq dokumenti vagi tal-OIE li jkopru biss perijodi limitati (2010, 2011 u 2013) u fuq dokumenti li jikkonċernaw biss il-virus H5N1, filwaqt li l-EFSA, fl-opinjonijiet tagħha tal-2005, tal-2006 u tal-2008, eżaminat id-diversi virus tas-sottotipi H5 u H7.

77 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont dejta xjentifika prodotta mill-Kummissjoni u li l-affidabbiltà tagħha ma hijiex kontradetta mir-rikorrenti, qabelxejn, l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ikel u l-Agrikoltura (FAO), fir-rapport tagħha dwar l-ITPGĦ fil-Messiku ["Highly Pathogenic Avian Influenza in Mexico (H7N3)" (Influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-Messiku (H7N3), Empres Watch, Vol. 26, Awwissu 2012, p. 63 sa 71] tikkonferma li l-virus H7N3 jinsab fl-għasafar selvaġġi fid-dinja kollha, kif wera kontroll li sar fl-Amerika ta' Fuq, fl-Amerika t'Isfel (partikolarment fil-Peru), fl-Ewropa u fl-Asja, u tindika l-migrazzjoni tal-għasafar selvaġġi u l-kuntatt mat-tjur domestiċi bħala l-mod ta' introduzzjoni jew ta' propagazzjoni tal-virus l-iktar spiss osservat. Imbagħad, il-H5N9 instab ukoll fl-għasafar selvaġġi fiċ-Ċili bejn l-2007 u l-2009, skont artikolu xjentifiku prodott mill-Kummissjoni ["Avian Influenza in wild birds from Chile, 2007-2009" (Influwenza tat-tjur fl-għasafar selvaġġi taċ-Ċili, 2007-2009), Virus Research 199 (2015) p. 42 sa 45]. Skont is-sit tal-internet tal-OIE, epidemiji tal-virus H7N7 ġew innotati wkoll fl-Awstralja fl-2012 u fl-2013. Barra minn hekk, virus ġodda li jikkawżaw l-ITPGĦ, partikolarment il-virus H5N8, ġew osservati fl-Istati Uniti u fil-Messiku fl-2014, u jistgħu jinfirxu fl-Amerika t'Isfel u jingħaqdu ma' virus oħra eżistenti fil-popolazzjonijiet tal-għasafar selvaġġi. Finalment, deher il-virus H7N9, virus b'patoġeniċità baxxa li ma jimmanifesta kważi l-ebda sinjal kliniku fl-għasafar iżda huwa ta' perikolu serju għall-bniedem.

78 Fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-każijiet ta' infezzjonijiet misjuba fl-Amerika t'Isfel jikkonċernaw biss għasafar selvaġġi iżolati, misjuba matul rotot migratorji tal-kosta tal-Oċean Paċifiku, u mhux f'postijiet bħall-irziezet tat-tjur, għandu jiġi kkunsidrat li tali differenza tista' tiġi spjegata mill-impossibbiltà li għasafar selvaġġi jiġu ssorveljati bl-istess mod strett li huma ssorveljati t-tjur tal-irziezet tat-tjur, b'mod li dawn ir-rapporti neċessarjament jibqgħu iżolati u d-data xjentifika disponibbli tista' ma tirrappreżentax in-numru totali ta' għasafar selvaġġi infettati.

79 Fil-fatt, ħafna pajjiżi terzi ma għandhomx ir-riżorsi neċessarji sabiex isibu l-virus fl-għasafar selvaġġi, li jimplika sistema ta' sorveljanza veterinarja fit-territorju kollu u d-dijanjosi minn laboratorji kompetenti. Issa, sakemm ma huwiex il-kompitu tal-Kummissjoni li twettaq programmi ta' sorveljanza jew li toħloq laboratorji dijanjostiċi f'pajjiżi terzi, hija r-responsabbiltà tal-pajjiż ta' oriġini li jipprova li huwa ma għandux marda partikolari, billi jipprovdi garanziji li jikkorrispondu għar-rekwiżiti tal-Unjoni, bħal dawk stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament Nru 318/2007 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, bħalma rrilevat il-Kummissjoni, li xi pajjiżi fl-Amerika t'Isfel (l-Istat Plurinazzjonali tal-Bolivja, il-Gujana, ir-Repubblika tal-Paragwaj, ir-Repubblika tas-Surinam u r-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela) lanqas biss talbu li jkunu fuq il-lista tal-pajjiżi awtorizzati għall-importazzjoni ta' tjur fl-Unjoni, prevista mir-Regolament Nru 798/2008 (ara l-punt 24 iktar 'il fuq), filwaqt li jitqies li din il-lista tapplika wkoll, skont l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013 (ara l-punt 30 iktar 'il fuq), għall-għasafar l-oħra li l-importazzjoni tagħhom hija awtorizzata, bħall-għasafar selvaġġi mrobbija fil-magħluq.

80 It-tielet nett, jirriżulta mid-diversi dokumenti introdotti fil-proċess mill-partijiet li l-importazzjoni, minn pajjiżi terzi, ta' għasafar selvaġġi maqbuda tibqa' mezz ta' trażmissjoni b'riskju għoli, speċjalment matul il-migrazzjoni, u li din tinkludi b'mod partikolari riskju ta' introduzzjoni ta' tipi virali ġodda tal-ITPGĦ u tal-ITPB sal-lum ineżistenti fl-Unjoni, li jistgħu jingħaqdu f'virus b'patoġeniċità għolja u jittrażmettu ruħhom direttament jew indirettament fil-popolazzjonijiet Ewropej tal-għasafar selvaġġi jew tat-tjur.

81 B'hekk, skont l-opinjoni tal-Friedrich-Loeffler-Institut (Istitut Friedrich Loeffler) tal-25 ta' Novembru 2014, prodott mir-rikorrenti nfushom, ir-riskju ta' trażmissjoni tal-ITPGĦ fit-tjur fil-Ġermanja mill-għasafar selvaġġi huwa kklassifikat bħala "għoli", bħal dak li jirriżulta minn importazzjonijiet illegali minn pajjiżi terzi, filwaqt li r-riskju li jirriżulta minn importazzjonijiet legali minn pajjiżi terzi – jiġifieri, sa mill-adozzjoni tar-Regolament Nru 318/2007, ta' għasafar imrobbija fil-magħluq – jew mill-kummerċ bejn Stati Membri huwa kklassifikat bħala "negliġibbli" u dak marbut mal-moviment tal-persuni u tal-vetturi fl-Unjoni huwa kklassifikat "baxx".

82 Fl-opinjoni sussegwenti tiegħu, tat-3 ta' Ġunju 2015, prodott mill-Kummissjoni, il-Friedrich-Loeffler-Institut jikkonstata qabelxejn li "s-sitwazzjoni dinjija tal-ITPGĦ, ikkawżata mid-diversi tipi virali, laħqet dimensjoni sal-lum mingħajr preċedent". Huwa mbagħad jipprovdi li "trasmissjonijiet reċiproċi tal-[virus H5N8] f'għasafar selvaġġi u tjur huma possibbli permezz ta' kuntatt dirett u permezz ta' kuntatt mal-materjal ikkontaminat minn ħmieġ tal-annimali" u li "l-frekwenza ta' rikombinazzjoni għolja fil-kontinent Amerikan tissuġġerixxi li [dan il-virus] kien diġà mifrux sewwa fil-popolazzjoni tal-għasafar selvaġġi tal-Amerika ta' Fuq fl-2014". Ir-riskju marbut mal-għasafar selvaġġi fil-Ġermanja ċertament tbaxxa għal "baxx-moderat", iżda biss sax-xahar ta' Awwissu 2015, perijodu tal-migrazzjoni ta' dawn l-għasafar.

83 B'mod partikolari, jirriżulta mit-totalità tad-data xjentifika pprovduta mill-Kummissjoni, li l-affidabbiltà tagħha ma ġietx kontradetta mir-rikorrenti, l-ewwel nett, li ebda pajjiż ma jista', skont ir-regoli tal-OIE fis-seħħ fiż-żmien rilevanti, jiddikjara lilu nnifsu ħieles jew eżenti mill-virus ITPGĦ u ITPB fl-għasafar selvaġġi, it-tieni nett, li każijiet ta' infezzjonijiet virali ġew irrapportati fl-Amerika t'Isfel u fl-Oċeanja, filwaqt li każijiet oħra possibbli ma jistgħux jiġu skoperti bil-mezzi kurrenti, u, it-tielet nett, li l-importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda tibqa' mod ta' trasmissjoni tal-virus b'riskju għoli.

84 Issa, ir-rikorrenti ma pproduċew l-ebda dokument li jiċċertifika b'mod ċar u suffiċjentement probatorju li ċerti pajjiżi jew ċerti kontinenti, partikolarment l-Amerika t'Isfel u l-Oċeanja, huma permanentement ħielsa u eżenti mill-virus tal-influwenza tat-tjur, jew li, b'mod ġenerali, l-għasafar salvaġġi maqbuda ma jirrappreżentaw l-ebda riskju ta' tixrid ta' dan il-virus.

85 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li l-inċertezza xjentifika dwar ir-riskju tat-tixrid tal-influwenza tat-tjur fl-Unjoni permezz ta' importazzjonijiet ta' għasafar selvaġġi maqbuda li ġejjin minn pajjiżi terzi madwar id-dinja kollha tibqa' f'livell għoli.

86 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ewwel ilment, ibbażat fuq ksur serju tal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba l-portata ġeografika wisq estiża tal-projbizzjoni ta' importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda li tinsab fir-Regolament Nru 318/2007 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, ma jistax jintlaqa'.

– Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' soluzzjoni ta' kwarantina bħala mezz inqas restrittiv

87 Bit-tieni lment, ir-rikorrenti jallegaw li, fid-dawl tat-tnaqqis fil-firxa ta' infezzjonijiet fil-pajjiżi li baqgħu affettwati mill-influwenza tat-tjur, soluzzjoni ta' kwarantina, anki doppja, jiġifieri kemm fil-pajjiżi terzi u kif ukoll fl-Istat Membru li jimporta, kellha tkun ippreferuta mill-Kummissjoni bħala mezz inqas restrittiv tal-ġlieda kontra l-imsemmi tixrid.

88 Il-Kummissjoni topponi l-argumentazzjoni tar-rikorrenti.

89 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li dan l-ilment jirriżulta li huwa analogu għal ilment eżaminat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2013:451).

90 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fis-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2013:451, punti 158 u 159), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet dan li ġej:

"Fir-rigward tal-alternattiva li l-għasafar selvaġġi jitqiegħdu fi kwarantina, għandu jiġi osservat li huwa minnu li, fit-tieni opinjoni tagħha [tal-2006], l-EFSA indikat li l-probabbiltà li jinħarġu mill-kwarantina għasafar infettati iżda li s-sintomi jkunu għadhom ma sarux apparenti matul il-kwarantina kienet waħda żgħira. Madankollu, hija rrikonoxxiet li kien hemm ir-riskju li ċerti għasafar jinħarġu mill-kwarantina minkejja li jkunu infettati. Barra minn hekk, mir-rapport DEFRA [tal-Gvern tar-Renju Unit] jirriżulta li, minħabba li l-istorja sanitarja tal-għasafar selvaġġi ma tkunx magħrufa, peress li jkunu nqabdu ftit ta' żmien qabel l-esportazzjoni tagħhom, l-istat sanitarju tagħhom lanqas ma jkun magħruf.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan ir-riskju u tal-inċertezzi dwar l-istat sanitarju tal-għasafar selvaġġi maqbuda, għandu jiġi konkluż li, meta adottat ir-Regolament Nru 318/2007, il-Kummissjoni la ħadet, fir-rigward ta' dawn l-għasafar, miżuri manifestament sproporzjonati u lanqas ma qabżet manifestament is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħha fuq il-bażi tal-prinċipju ta' prekawzjoni, minħabba li warrbet it-tqegħid fi kwarantina tal-għasafar selvaġġi bħala miżura alternattiva inqas oneruża meta mqabbla mal-projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet [fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda]."

91 Barra minn hekk, fis-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2013:451), il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, fir-rigward tal-prevenzjoni tar-riskji, l-għasafar selvaġġi huma differenti mill-għasafar imrobbija fil-magħluq. Fil-fatt, fil-każ ta' dawn l-għasafar tal-aħħar, huwa possibbli li jiġi impost kontroll tas-saħħa strett mat-twelid tagħhom, li jista' jinżamm sat-trobbija tagħhom f'post magħluq jew jinkludi l-għeluq tagħhom b'paragun mat-tjur. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li r-rikorrenti fil-kawża li tat lok għall-imsemmija sentenza ma kkritikatx lill-Kummissjoni talli adottat miżura manifestament sproporzjonata billi għamlet distinzjoni bejn l-għasafar selvaġġi u l-għasafar imrobbija fil-magħluq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, UE:T:2013:451, punti 162 u 163).

92 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma pproduċew ebda dokument ta' natura li jikkonfuta dawn l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, konformi mal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' prekawzjoni kif ukoll mal-Opinjoni tal-EFSA tal-2006, kif ukoll, għall-kumplament, mal-Opinjoni tal-EFSA tal-2008. Għall-kuntrarju, l-allegat "tnaqqis fit-tixrid tal-infezzjonijiet" invokat mir-rikorrenti jirriżulta li huwa dubjuż, fid-dawl tad-data xjentifika pprovduta mill-Kummissjoni (ara l-punti 74 sa 82 iktar 'il fuq).

93 Għaldaqstant, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-konklużjoni prevista fil-punt 91 iktar 'il fuq hija applikabbli, minħabba identità ta' raġunijiet, kemm għar-Regolament Nru 318/2007 kif ukoll għar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, sa fejn dan tal-aħħar jikkostitwixxi "kodifikazzjoni" tar-Regolament Nru 318/2007 u jirriproduċi, essenzjalment, il-kontenut tiegħu (ara l-punt 30 iktar 'il fuq).

94 Minn dan isegwi li t-tieni lment, ibbażat fuq ksur serju tal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' soluzzjoni ta' kwarantina bħala mezz inqas restrittiv tal-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur, ma jistax jintlaqa'.

– Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' sorveljanza iktar intensiva tal-għasafar migratorji bħala mezz iktar effikaċi

95 Permezz tat-tielet ilment, ir-rikorrenti jsostnu li sorveljanza iktar intensiva tal-għasafar migratorji, possibbilment flimkien ma' obbligu ta' konteniment preventiv għat-tjur imrobbija tul rotot migratorji, kienet tikkostitwixxi għall-Kummissjoni mezz iktar effikaċi tal-ġlieda kontra t-tixrid tal-influwenza tat-tjur.

96 Il-Kummissjoni topponi l-argumentazzjoni tar-rikorrenti.

97 Qabelxejn, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li t-trażmissjoni ta' virus tal-influwenza tat-tjur mill-għasafar selvaġġi migratorji tikkostitwixxi mezz ta' trażmissjoni parallela, li ma jwaqqafx trażmissjoni tal-virus mill-għasafar selvaġġi maqbuda fis-selvaġġ. Konsegwentement, is-sorveljanza iktar intensiva ta' għasafar migratorji, anki flimkien ma' miżuri ta' bijosigurtà msaħħa, bħal konteniment obbligatorju tat-tjur fir-rotot migratorji fl-Unjoni, ma tistax tikkostitwixxi soluzzjoni alternattiva iktar effikaċi b'paragun mal-projbizzjoni ta' importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda.

98 Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat li s-sorveljanza tal-għasafar migratorji, flimkien ma' testijiet investigattivi fuq l-għasafar selvaġġi, ma tikkostitwixxix miżura alternattiva realistika, minħabba l-kumplessità tagħha, l-ispiża għolja tagħha u r-rappreżentazzjoni baxxa tagħha. B'hekk, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li t-testijiet investigattivi li saru fl-Unjoni fuq madwar 50 000 għasfur selvaġġ fl-2008, bl-użu ta' riżorsi sinjifikattivi, jirrigwardaw numru ta' għasafar tant ridott li r-riżultat tagħhom ma jistax jitqies li huwa rappreżentattiv.

99 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi osservat li l-Unjoni ma tistax timponi fuq il-pajjiżi terzi, b'mod partikolari dawk tal-Amerika t'Isfel u tal-Afrika, li jwettqu sorveljanza iktar intensiva tal-għasafar selvaġġi.

100 Għandu, għalhekk, jiġi deċiż li l-istat tas-saħħa tal-għasafar selvaġġi jista' jiġi ntraċċat u magħruf b'ċertezza xjentifika suffiċjenti biss jekk dawn l-għasafar jitrabbew fil-magħluq u jkunu kontinwament issorveljati, permezz ta' sistema veterinarja effikaċi, fi stabbilimenti tat-trobbija approvati għal dan il-għan.

101 Minn dan isegwi li t-tielet ilment, ibbażat fuq ksur serju tal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' sorveljenza iktar intensiva tal-għasafar migratorji bħala mezz inqas restrittiv tal-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur, ma jistax jintlaqa'.

102 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li, billi adottat ir-Regolament Nru 318/2007 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, il-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħha, ma wettqet ebda żball manifest u ebda ksur serju tal-prinċipju ta' proporzjonalità, partikolarment fir-rigward tal-portata ġeografika tal-projbizzjoni tal-importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda, jew tal-prinċipju ta' prekawzjoni.

103 Għaldaqstant, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur serju tad-dmir ta' diliġenza

104 Permezz tat-tielet motiv, ir-rikorrenti, billi jibbażaw ruħhom b'mod partikolari fuq is-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2013:451), jallegaw li l-Kummissjoni kisret, b'mod serju, id-dmir ta' diliġenza tagħha fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva billi kompliet tibbaża l-projbizzjoni tal-importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda fuq l-opinjonijiet tal-EFSA tal-2005 u tal-2006 "mingħajr ebda sens kritiku", mingħajr ma talbet lill-EFSA opinjoni iktar reċenti u mingħajr ma ħadet

inkunsiderazzjoni l-istat preżenti tal-għarfien xjentifiku, bħal dak miġbur partikolarment mill-OIE u kkonsolidat sa mill-2010. B'mod partikolari, huma jsostnu li, fl-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, peress li l-modi ta' tixrid u r-riskji ta' kontaminazzjoni tal-virus tal-influwenza tat-tjur kienu diġà studjati u osservati għal kważi għaxar snin, il-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni d-data tal-OIE li tistabbilixxi l-assenza totali ta' każijiet ta' infezzjoni tal-influwenza tat-tjur fl-għasafar selvaġġi tal-Amerika t'Isfel u kif ukoll l-assenza totali ta' kuntatt bejn l-għasafar selvaġġi tal-Amerika t'Isfel jew tal-Oċeanja u dawk tal-pajjiżi Asjatiċi effettwati.

105 Skont ir-rikorrenti, fid-dawl ta' dan l-għarfien xjentifiku, ċerti pajjiżi mingħajr infezzjonijiet kellhom jiġu eżentati mill-projbizzjoni tal-importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda u soluzzjoni ta' kwarantina, flimkien ma' sorveljanza iktar intensiva tal-għasafar migratorji, kienet tikkostitwixxi mezz iktar xieraq. Barra minn hekk, ir-Regolament Nru 318/2007 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013 kellhom jirriflettu fedelment l-istat ta' għarfien xjentifiku mhux biss fl-adozzjoni tagħhom, iżda wkoll matul il-perijodu kollu ta' validità tagħhom, li jimplika li dawn jiġu adattati maż-żmien jekk ikun meħtieġ. Barra minn hekk, il-Kummissjoni naqset milli titlob lill-EFSA tistudja speċifikament ir-riskji marbuta mal-kummerċ internazzjonali tat-tjur.

106 Il-Kummissjoni topponi l-argumentazzjoni tar-rikorrenti.

107 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, fil-każ fejn istituzzjoni tal-Unjoni jkollha marġni ta' diskrezzjoni wiesa', l-istħarriġ tal-osservanza tal-garanziji mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni fil-proċeduri amministrattivi jassumi madankollu importanza fundamentali. Fost dawn il-garanziji hemm b'mod partikolari l-obbligu għall-istituzzjoni kompetenti li teżamina, b'reqqa u b'imparzjalità, l-elementi kollha rilevanti tal-każ inkwistjoni u li timmotiva d-deċiżjoni tagħha b'mod suffiċjenti. Fil-fatt, l-osservanza tad-dmir tal-Kummissjoni li tiġbor, b'mod diliġenti, l-elementi fattwali indispensabbli għall-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħha kif ukoll l-istħarriġ f'dan ir-rigward mill-qorti tal-Unjoni jkunu iktar u iktar importanti meta l-eżerċizzju ta' din is-setgħa diskrezzjonali jkun suġġett biss għal stħarriġ ġudizzjarju limitat fir-rigward tal-mertu, stħarriġ li jkopri biss l-eżistenza ta' żball manifest (ara, f'dan is-sens, is-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punt 84 u l-ġurisprudenza ċċitata).

108 F'dan il-każ, għandha, fl-ewwel lok, tiġi ppreċiżata l-portata ġuridika tal-illegalitajiet ikkonstatati fis-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2013:451), u, fit-tieni lok, tingħata deċiżjoni dwar l-eżistenza, f'dan il-każ, ta' ksur mill-Kummissjoni tad-dmir ta' diliġenza tagħha.

109 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-portata tal-konstatazzjonijiet ta' illegalitajiet minħabba okkorrenzi ta' ksur tad-dmir ta' diliġenza fis-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2013:451), għandha, qabelxejn, issir distinzjoni bejn il-kuntest fattwali tal-każ ineżami u dak tal-kawża li wasslet għall-imsemmija sentenza.

110 Fis-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2013:451), il-Qorti Ġenerali kkonstatat b'mod partikolari li l-Kummissjoni, qabelxejn, ibbażat d-Deċiżjoni 2005/760 (ara l-punt 8 iktar 'il fuq) fuq żball ta' fatt – jiġifieri inverżjoni tal-kampjuni, għasfur infettat bl-H5N1, misjub fiċ-ċentru ta' kwarantina ta' Essex (ir-Renju Unit), ġie inizjalment kklassifikat ħażin bħala li kien joriġina mis-Surinam, fl-Amerika t'Isfel, filwaqt li iktar tard irriżulta li kien joriġina mit-Tajwan, l-Asja – u kisret, sussegwentement, id-dmir ta' diliġenza tagħha billi adottat diversi deċiżjonijiet ta' proroga tad-deċiżjoni inizjali tagħha (ara l-punt 9 iktar 'il fuq) mingħajr ma qieset ir-riżultati ta' rapport li jesponi dan l-iżball. Għalhekk, il-Kummissjoni naqset milli tispjega r-raġunijiet għalfejn hija xorta waħda kkunsidrat li kien meħtieġ li tinżamm is-sospensjoni tal-importazzjoni ta' għasafar selvaġġi li joriġinaw mill-Amerika t'Isfel u li tiddetermina ż-żoni ta' riskju fuq il-bażi tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 91/496 (ara, f'dan is-sens, ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punt 114).

111 Issa, ir-Regolament Nru 318/2007 u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni Nru 139/2013 rilevanti għall-każ ineżami, billi jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ġenerali tas-saħħa skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 92/65, huma distingwibbli b’mod ċar mid-Deċiżjoni 2005/760 u d-deċiżjonijiet ta’ proroga tagħha, li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li kienu illegali fis-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar ’il fuq (EU:T:2013:451). Fil-fatt, minn naħa, dawn ir-regolamenti, b’differenza minn dawn id-deċiżjonijiet, ma jikkostitwixxux miżuri ta’ salvagwardja għal żoni ta’ riskju fis-sens tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 91/496, li għalihom ir-riskju speċifiku fil-pajjiżi terzi kkonċernati għandu jiġi eżaminat bir-reqqa. Min-naħa l-oħra, dawn ir-regolamenti, b’differenza mill-imsemmija deċiżjonijiet, ma humiex suġġetti għal applikazzjoni limitata fiż-żmien, li titlob eżami mill-ġdid fl-iskadenza tal-miżura sabiex il-proroga eventwali tagħha tiġi ġġustifikata.

112 Barra minn hekk, fil-każ ineżami, il-Kummissjoni ma bbażat ruħha fuq ebda żball ipprovat u ma setgħetx għalhekk tikser id-dmir ta’ diliġenza tagħha billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni xi rapport dwar tali żball.

113 Minn dan isegwi li l-konstatazzjonijiet ta’ illegalitajiet li saru mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar ’il fuq, EU:T:2013:451, jaqgħu fil-kuntest partikolari tal-miżuri ta’ salvagwardja u ma jistgħux jiġu applikati bħala tali għar-Regolament Nru 318/2007 u għar-Regolament ta’ Implimentazzjoni Nru 139/2013.

114 Fit-tieni lok, għandu jiġi kkonstatat, f’dan il-każ, li l-Kummissjoni, billi bbażat, qabelxejn, l-adozzjoni tar-Regolament Nru 318/2007 senjatament fuq l-inċertezza xjentifika li ħarġet mill-Opinjoni tal-EFSA tal-2006 dwar ir-riskji assoċjati mal-importazzjoni ta’ għasafar selvaġġi maqbuda (ara l-punt 17 iktar ’il fuq), u hija għall-kumplament ikkorroborata mid-data xjentifika l-iktar riċenti pprovduta mill-Kummissjoni (ara l-punti 74 sa 82 iktar ’il fuq), issodisfat id-dmir ta’ diliġenza tagħha dwar il-motivazzjoni xjentifika ta’ projbizzjoni ta’ importazzjoni fl-Unjoni ta’ għasafar selvaġġi maqbuda, fid-dawl, partikolarment, tal-eżistenza ta’ diversi sottotipi ta’ virus, minbarra l-virus tal-H5N1.

115 Barra minn hekk, fl-2007, il-Kummissjoni talbet lill-EFSA opinjoni ġdida kkonsolidata (ara l-punt 25 iktar ’il fuq). Issa, għandu jiġi kkunsidrat, bħalma kkunsidrat il-Kummissjoni, li l-opinjoni kkonsolidata tal-EFSA tal-2008, dwar l-aspetti tas-saħħa u tal-benesseri tal-annimali tal-influwenza tat-tjur u r-riskju tal-introduzzjoni tagħha fl-irziezet tat-tjur tal-Unjoni, ikkonfermat l-ipoteżi fundamentali tal-Opinjoni tal-EFSA tal-2006 li l-għasafar selvaġġi kienu jirrappreżentaw riserva naturali tal-influwenza tat-tjur u l-firxa tal-infezzjoni tagħhom setgħet biss diffiċilment tiġi skoperta, peress li dawn ma kinux juru, jew kienu ftit li xejn juru, sintomi kliniċi ta’ mard.

116 Fir-rigward tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni Nru 139/2013, għandu jiġi kkonstatat ukoll li l-Kummissjoni ma kisritx id-dmir ta’ diliġenza tagħha bl-adozzjoni tiegħu. Fil-fatt, ir-rikorrenti ma pproduċew l-ebda dokument li jista’ jistabbilixxi li d-data xjentifika l-iktar reċenti tikkontradixxi fir-rigward ta’ punti ewlenin il-konklużjonijiet tal-Opinjoni tal-EFSA tal-2006, li hija l-bażi għall-adozzjoni tar-Regolament Nru 318/2007 li tiegħu r-Regolament ta’ Implimentazzjoni Nru 139/2013 jikkostitwixxi l-“kodifikazzjoni”.

117 Barra minn hekk, fil-bidu tas-sena 2014, il-Kummissjoni talbet lill-EFSA opinjoni ġdida, qabel il-preżentata ta’ dan ir-rikors (ara l-punt 34 iktar ’il fuq). Anki jekk din l-opinjoni tirrigwarda biss il-virus H5N8, għandu jiġi kkunsidrat li tali mandat jissuġġerixxi li l-Kummissjoni debitament irrispondiet għall-iżvilupp taċ-ċirkustanzi rilevanti għall-evalwazzjoni mill-ġdid tal-miżuri tagħha tal-ġlieda kontra l-influwenza tat-tjur.

118 Barra minn hekk, mill-proċess jirriżulta li l-Opinjoni tal-EFSA tal-2008 u tal-2014 kkonfermat ir-riskji assoċjati mal-għasafar selvaġġi, partikolarment maqbuda, u l-inċertezza xjentifika prevalenti fir-rigward tat-trażmissjoni tal-influwenza tat-tjur. Bl-istess mod, il-Kodiċi tas-Saħħa tal-OIE jipprovdi li “[e]ssenzjalment, l-ebda Stat Membru ma jista’ jiddikjara lilu nnifsu ħieles mill-influwenza tat-tip A fl-għasafar selvaġġi” (ara l-punt 74 iktar ’il fuq).

119 B'hekk, iż-żamma tal-projbizzjoni tal-importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda ma tirriżultax minn ksur serju tad-dmir ta' diliġenza iżda, għall-kuntrarju, hija bbażata fuq l-opinjonijiet xjentifiċi tal-EFSA, li ma humiex ikkonfutati mill-Kodiċi tas-Saħħa tal-OIE, fl-ambitu tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tal-Kummissjoni, eżerċitata mingħajr żball manifest.

120 Barra minn hekk, fir-rigward tal-allegazzjoni li l-Kummissjoni naqset milli titlob lill-EFSA tistudja speċifikament ir-riskji relatati mal-kummerċ internazzjonali tat-tjur, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li din hija ineffettiva, peress li dan huwa mod ta' trażmissjoni parallel tal-virus tal-influwenza tat-tjur li ma jipprekludix ir-riskju assoċjat mal-għasafar selvaġġi maqbuda, u, min-naħa l-oħra, din hija infondata fil-fatt, peress li l-Kummissjoni, sa mill-2000, talbet lill-EFSA opinjonijiet xjentifiċi ddettaljati dwar ir-riskji marbuta mal-importazzjonijiet tat-tjur u konsegwentement adottat diversi atti, fosthom ir-Regolament Nru 798/2008 (ara l-punt 24 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, il-mod ta' trażmissjoni ta' dan il-virus mit-tjur ġie eżaminat mill-ġdid fl-Opinjoni tal-EFSA tal-2014.

121 Finalment, il-Kummissjoni tindika, mingħajr ma ġiet ikkontradetta mir-rikorrenti, li, fil-31 ta' Marzu 2015, fid-dawl tal-okkorrenzi kbar tal-influwenza tat-tjur reċentement ikkonstatati u tar-rikombinazzjoni tal-virus H5N8 u virus oħrajn tas-sottotip H5, hija stiednet lill-EFSA sabiex twettaq studju ġdid tal-modi ta' trażmissjoni u, b'mod partikolari, tar-rwol tal-virus li jikkawżaw l-ITPB diffiċilment traċċabbli fl-għasafar selvaġġi iżda potenzjalment perikolużi għall-bniedem.

122 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li, bl-adozzjoni u biż-żamma fis-seħħ tar-Regolament Nru 318/2007 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, il-Kummissjoni la wettqet żball manifest fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħha u lanqas ksur serju tad-dmir ta' diliġenza tagħha.

123 Għaldaqstant, it-tielet motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur serju tal-libertà professjonali, tal-libertà tal-intrapriża u tad-dritt għall-proprjetà (Artikoli 15 sa 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali)

124 Permezz tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti jallegaw li l-projbizzjoni tal-importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi, kif prevista mir-Regolament Nru 318/2007 u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, kienet tikser, b'mod serju, il-libertà professjonali tagħhom, il-libertà tal-intrapriża tagħhom u d-dritt għall-proprjetà tagħhom, kif iggarantiti mill-Artikoli 15 sa 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Speċifikament, huma jsostnu li din il-projbizzjoni rrendiet impossibbli għalihom l-eżerċizzju tal-kummerċ tagħhom ta' importazzjoni u ta' bejgħ mill-ġdid ta' għasafar selvaġġi maqbuda u l-operazzjoni ta' stabbilimenti ta' kwarantina mibnija minnhom għal dan l-iskop qabel l-2005. B'hekk huma ġew imbuttati lejn il-"limitu tal-faqar" jew ix-"xifer tar-rovina" minħabba t-tnaqqis fid-dħul mill-bejgħ tagħhom u t-telf tal-investimenti tagħhom f'dawn l-istabbilimenti ta' kwarantina. Huma jtennu wkoll, bħala parti minn dan il-motiv, l-ilmenti tagħhom dwar in-natura sproporzjonata ta' din il-projbizzjoni, b'mod partikolari minħabba l-portata ġeografika wisq estiża tagħha.

125 Il-Kummissjoni topponi l-argumentazzjoni tar-rikorrenti.

126 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-libertà professjonali, il-libertà tal-intrapriża u d-dritt għall-proprjetà huma drittijiet fundamentali stipulati fl-Artikoli 15 sa 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Madankollu, dan ma jfissirx li dawn id-drittijiet huma prerogattivi assoluti, iżda għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-dawl tal-funzjoni tagħhom fis-soċjetà. Konsegwentement, jistgħu jsiru restrizzjonijiet għall-eżerċizzju tagħhom, bil-kundizzjoni li dawn ir-restrizzjonijiet effettivament jissodisfaw għanijiet ta' interess ġenerali segwiti mill-Unjoni u ma jikkostitwixxux,

fir-rigward tal-għan segwit, intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza stess tad-drittijiet hekk iggarantiti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq, EU:T:2013:451, punt 188 u l-ġurisprudenza ċċitata).

127 Fil-każ ineżami, għandu jiġi rrilevat, qabelxejn, li dan il-motiv jirriżulta li huwa analogu għal motiv eżaminat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2013:451).

128 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fis-sentenza ATC *et*, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2013:451, punt 190), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet dan li ġej:

"[M]ill-evalwazzjoni magħmula [iktar 'il fuq] fir-rigward tal-proporzjonalità tal-miżuri adottati bis-saħħa tar-Regolament Nru 318/2007 jirriżulta li dawn il-miżuri għandhom għan leġittimu ta' interess ġenerali, jiġifieri l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tas-saħħa tal-annimali kontra r-riskju li jinfirex il-virus tal-influwenza tat-tjur, u li dawn il-miżuri ma humiex manifestament sproporzjonati meta mqabbla ma' dan l-għan. Għalhekk, dawn il-miżuri ma jistgħux jitqiesu li huma intervent sproporzjonat u intollerabbli li ppreġudika l-qofol stess tad-drittijiet għall-proprjetà tar-rikorrenti u tal-libertà tagħhom li jeżerċitaw attività ekonomika. F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li, sa fejn ir-regolament imsemmi jkompli jawtorizza l-importazzjoni ta' għasafar imrobbija fil-magħluq, l-attività ekonomika ta' importazzjoni ta' tali għasafar għadha possibbli."

129 Fil-każ ineżami, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-konklużjoni prevista fil-punt 128 iktar 'il fuq hija applikabbli, minħabba identità ta' raġunijiet, kemm għar-Regolament Nru 318/2007 kif ukoll għar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, li jikkostitwixxi "kodifikazzjoni" tar-Regolament Nru 318/2007 u jirriproduċi, essenzjalment, il-kontenut tiegħu (ara l-punt 30 iktar 'il fuq).

130 Fil-fatt, ir-rikorrenti f'din il-kawża la stabbilixxew u lanqas ma allegaw li r-Regolament Nru 318/2007 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013 kienu jippreġudikaw is-sustanza stess tad-drittijiet fundamentali tagħhom.

131 Barra minn hekk, ir-rikorrenti stess jirrikonoxxu li huma għadhom illum jeżerċitaw in-negozju tagħhom tal-għasafar, filwaqt li jispeċifikaw li fil-preżent dan jinvolvi l-għasafar imrobbija fl-Unjoni li huma jew mixtrija mingħand terzi jew "prodotti bi spejjeż kbar" fl-operat tagħhom stess.

132 Issa, hemm lok li jiġi kkunsidrat li t-tnaqqis possibbli fid-dħul mill-bejgħ jew nuqqas ta' dħul eventwali relatati ma' differenzjar fl-ispejjeż bejn għasafar imrobbija fil-magħluq u għasafar maqbuda fl-ambjent naturali ma jistax, manifestament, jikkostitwixxi preġudizzju għas-sustanza stess tad-drittijiet fundamentali, li teċċedi sewwa l-opportunitajiet kummerċjali.

133 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li r-rikorrenti, bħala negozjanti tal-annimali, iżommu kull libertà li jimportaw għasafar ornamentali mrobbija fil-magħluq, li jikkummerċjalizzawhom u li jużaw għal dan l-għan l-istabbilimenti ta' kwarantina tagħhom. Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 318/2007 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, l-importazzjoni ta' għasafar ornamentali mrobbija fil-magħluq, b'differenza minn dik tal-għasafar maqbuda fl-ambjent naturali tagħhom, kienet u għadha awtorizzata sakemm jiġu osservati ċerti kundizzjonijiet tas-saħħa.

134 Għalhekk, l-istatistika tal-importazzjonijiet ta' għasafar selvaġġi fl-Unjoni pprovduta mill-Kummissjoni, u mhux kontradetta mir-rikorrenti, turi anki, wara tnaqqis bejn l-2005 u l-2006, żieda bejn l-2006 u l-2010 u żieda iktar ċara mill-ġdid bejn l-2010 u l-2014. Il-Kummissjoni tipproduċi wkoll lista ta' tlettax-il stabbiliment, li jinsabu f'sitt pajjiżi terzi, jiġifieri r-Repubblika Arġentina, il-Kanada, ir-Repubblika taċ-Ċilì, l-Istati Uniti tal-Amerika, l-Istat ta' Iżrael u r-Repubblika tal-Filippini, u approvati, konformement mal-Artikolu 4 u mal-Anness II tar-Regolament Nru 318/2007 u mbagħad tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013 (ara l-punt 20 iktar 'il fuq), għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' għasafar selvaġġi mrobbija fil-magħluq.

135 Għandu wkoll jiġi rrilevat, bħalma rrilevat il-Kummissjoni u kuntrarjament għall-pożizzjoni tar-rikorrenti, li l-istabbilimenti ta' kwarantina għadhom utli fl-Unjoni. Fil-fatt, għall-għasafar selvaġġi mrobbija fl-magħluq, kif ukoll għal ċerti għasafar selvaġġi li jistgħu jiġu importati minħabba regoli ta' eċċezzjoni previsti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 318/2007 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, l-obbligu ta' kwarantina huwa doppju sa fejn dan japplika kemm fil-pajjiż esportatur u kif ukoll fl-Unjoni.

136 B'hekk, skont l-istatistika pprovduta mill-Kummissjoni u mhux kontradetta mir-rikorrenti, in-numru ta' stabbilimenti ta' kwarantina fl-Unjoni ma naqasx b'mod sinjifikattiv mill-2007, filwaqt li ġew awtorizzati wkoll stabbilimenti ġodda. Pereżempju, fl-2014, bħal fl-2007, il-Ġermanja kellha 24 stabbiliment ta' kwarantina attivi.

137 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-miżuri li jinsabu fir-Regolament Nru 318/2007 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013 jikkostitwixxu restrizzjonijiet leġittimi u proporzjonati, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 126 iktar 'il fuq, għal-libertà professjonali u għal-libertà tal-intrapriża kif ukoll għad-dritt għall-proprjetà tar-rikorrenti, konformement mal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u li, billi adottat u żammet fis-seħħ dawn ir-regolamenti, il-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħha, ma wettqet ebda żball manifest jew ksur serju ta' dawn id-drittijiet fundamentali.

138 Għaldaqstant, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

139 Ladarba, billi adottat u żammet fis-seħħ ir-Regolament Nru 318/2007 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 139/2013, il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda żball manifest fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħha u ma kisritx, b'mod suffiċjentement serju, il-prinċipju ta' proporzjonalità, fid-dawl tal-prinċipju ta' prekawzjoni, id-dmir ta' diliġenza tagħha jew id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti skont l-Artikoli 15 sa 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għandu jiġi konkluż li r-rikorrenti, fil-każ ineżami, baqgħu ma stabbilixxewx l-eżistenza ta' aġir illegali tal-Kummissjoni.

*Fuq ir-rikors għad-danni*

140 Il-konstatazzjoni tal-assenza ta' aġir illegali tal-Kummissjoni fil-każ ineżami hija suffiċjenti sabiex tiġi eskluża r-responsabbiltà mhux kuntrattwali ta' din l-istituzzjoni, mingħajr ħtieġa, minn naħa, li jiġu eżaminati l-pretensjonijiet tagħha ta' inammissibbiltà u ta' infondatezza fir-rigward tar-rabta ta' kawżalità u tad-dannu allegati mir-rikorrenti, u, min-naħa l-oħra, li tilqa' t-talba ta' dawn tal-aħħar sabiex jiġi kkonvokat bħala espert id-direttur tal-OIE, M. B. V.

141 Għaldaqstant, ir-rikors għad-danni għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

**Fuq l-ispejjeż**

142 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

143 Peress li r-rikorrenti tilfu, dawn għandhom jiġu ordnati jbatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, l-ispejjeż tal-Kummissjoni, kif mitlub minn din tal-aħħar.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla),

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **Zoofachhandel Züpke GmbH, Zoohaus Bürstadt, Helmut Ofenloch GmbH & Co. KG, Zoofachgeschäft – Vogelgroßhandel Import-Export Heinz Marche, Rita Bürgel u Norbert Kass huma kkundannati jbatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.**

Gratsias Kancheva Wetter

Mogħtija fil-Qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-17 ta' Marzu 2016.

Firem

# Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża .... 2

Preżentazzjoni tar-rikorrenti .... 2

Fuq id-Direttivi 91/496/KEE u 92/65/KEE .... 2

Fuq l-Opinjoni tal-EFSA tal-2005 .... 2

Fuq id-Deċiżjoni 2005/760/KE u l-proroga tal-miżuri adottati .... 3

Fuq l-Opinjoni tal-EFSA tal-2006 .... 3

Fuq ir-Regolament (KE) Nru 318/2007 .... 4

Fuq l-Opinjoni tal-EFSA tal-2008 .... 6

Fuq ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 139/2013 .... 7

Fuq is-sentenza ATC et vs Il-Kummissjoni tal-2013 .... 7

Fuq l-Opinjoni tal-EFSA tal-2014 .... 8

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet .... 8

Id-dritt .... 9

Fuq l-eżistenza ta' aġir illegali .... 10

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur serju tal-prinċipju ta' proporzjonalitŕ .... 10

– Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq il-portata ġeografika wisq estiża tal-projbizzjoni ta' importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar selvaġġi maqbuda .... 11

– Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' soluzzjoni ta' kwarantina bħala mezz inqas restrittiv .... 16

– Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' sorveljanza iktar intensiva tal-għasafar migratorji bħala mezz iktar effikaċi .... 18

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur serju tad-dmir ta' diliġenza .... 18

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur serju tal-libertŕ professjonali, tal-libertŕ tal-intrapriża u tad-dritt għall-proprjetŕ (Artikoli 15 sa 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali) .... 21

Fuq ir-rikors għad-danni .... 23

Fuq l-ispejjeż .... 23